MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 33

**It-Tnejn, 26 t' April, 2021**

Il-Laqgħa saret b'mod virtwali u bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa kien hemm ittra t'apoloġiji fejn is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Courtney Farrugia kienu indisposti għat-33 Laqgħa tal-Kunsill.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 33.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tat-32 laqgħa ġew approvati unanimament.

### 33.2.2 Korrezzjonijiet

33.2.2.1 - Minuta 32.4.1- il-kelma "daqk" issir "dak"
33.2.2.2 - Minuta 32.5.2 – wara "tas-Salib" tiżdied il-frażi "li hemm fi Triq Misraħ il-Barrieri ma Triq Braille"
33.2.2.3 - Minuta 32.6.2 - titneħħa il-frażi "Dan tal-aħħar"

## 33.3 Punti mqajjma mill-minuti

**33.3.1** Minuta 32.3.1 - Is-Sindku staqsa jekk kienitx intbħatet l-imejl lill-Community Police dwar it-tip tal-scooters elettriċi wara li l-Kunsll ġab tlett kwotazzjonijiet. Id-Deputat Segretarju nfomra lill-membri li l-Kunsill għadu qed jistenna komunikat mingħand l-istess pulizija. Wara diskussjoni il-Membri qablu li naraw eżattament x'għamlu l-Kunsill Lokali tal-Ħamrun u wara issir MOU mal-Community Police wara li tkun inxtrat ir-rota.

**33.3.2** Minuta 32.2.5 – Is-Sur Joe Vella ġibed l-attenzjoni li c-charging pillar li kien ġie installat fi Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Kunsill Lokali qatt ma ġie notifikat. Is-Sindku kkonferma dan iżda sostna li da nil-post kien wieħed minn ħafna li kienu ġew identifikati.

**33.2.3** Minuta 32.2.6 - Is-Sindku nforma lill-membri li l-Perit prepara il-BOQ fuq l-applikazzjoni li l-Kunsill ser japplika għall-iskema SPI.SCI.2.2021 fejn l-ispiża titla' għal €75K fejn il-Kunsill jista' jibbenifika mill-iskema sa 85% u u b'hekk il-Kunsill ikun irrid joħroġ madwar 15% li jammontow ghal €9K

**33.2.4** Minuta 32.2.8 - Is-Sindku nforma lill-membri li fuq it-tender tal-ġbir tal-iskart il-Kunsill ikkomunika mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn dawn infurmawna li l-proċess tat-tender irid jitkompla. Dan l-istess parir kien ingħata wkoll lill-Kunsill mill-Avukat.

Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċida b'mod unanimu la ġaladarba ma kienx hemm soluzzjoni oħra l-Kunsill ser jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni abbażi ta' riżervi.

**33.2.5** Minuta 32.6.2 - Is-Sindku noforma lill-membri li r-rapport mingħand il-Contract Manger kien għadu ma wasalx. Wara diskussjoni l-Membri qablu sabiex dan ir-rapport irid jasal għand il-Kunsill sat-30 t'April 2021 u jekk dan ma jasalx tinħareġ ittra ta' twissja lill-Contract Manager.

## 33.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**33.4.1** Is-Sindku informa lill-membri dwar kommunikazzjoni li rċieva fejn Infrastructure Malta infurmawh li ser isir asfaltar f'parti minn Triq Reġjonali minn Triq il-Fanali sa Triq Vivion.

**33.4.2** Is-Sindku nforma wkoll lill-membri li l-Awtorita' tad-Djar infurmawh li saru l-manutenzzjoni fil-komun tal-maġġoranza tal-binjiet tal-Gvern li jinsabu f'Santa Venera. Is-Sindku qal li fadal biss ħames blokok li jinsabu fil-viċinanzi tal-Knisja l-Qadima.

**33.5 Rapporti / Korrispondenza**

**33.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva petizzjoni li saret mir-residenti li joqgħodu fi Triq Dun Alfred Gatt u Triq L-Istitut Bonnici u li kienet titratta fuq diversi ilmenti u suġġerimenti. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jsir cold asphalt mill-ħaddiema assenjati, isir il-knis regolari u jiżdied charging pillar fil-viċinanzi.

**33.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li rċieva mingħand is-Sid tal-*Snack Bar* ta' ħdejn it-Turretta fejn dan qed jitlob permess sabiex jagħmel dawl solari imdawwar mas-siġra taż-żebbuġ, joħroġ mwejjed u siġġijiet u ssir *loading/unloading bay*.

Wara diskussjoni il-membri ma sabux oġġezzjoni sabiex isir dawl mas-siġra. Dwar l-imwejjed u siġġijiet is-Sindku qal li ser jagħmel laqgħa miegħu filwaqt li fuq loading/unloading bay il-membri ma qablux in vista li din qatt ma tista tkun speċifikata għal individwu wieħed.

**33.5.3** Is-Sindku informa lil membri dwar korrispondenza "Light up the Night 2021" sabiex nipparteċipaw fiha sabiex jitfakkar il-jum internazzjonali tal-Fibromalgia. Wara diskussjoni, kien hem qbil sabiex tinxtegħel il-faċċata tal-istess Kunsill Lokali bil-blu u vjola.

**33.5.4** Is-Sindku informa lil membri dwar korrispondenza "Binjiwt mixgħula ħomor – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm" sabiex nipparteċipaw fiha sabiex jitfakkar il-jum dinji tad-donaturi ta-demm. Wara diskussjoni, kien hemm qbil sabiex tinxtegħel il-faċċata tal-istess Kunsill Lokali bl-aħmar.

**33.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**33.6.1 Bye Law dwar il-kontroll tal-ħamiem**

Is-Sindku informa lill-membri li l-AKL ser joħroġ it-tender dwar il-kontroll tal-ħamiem li ser ikunu koperti l-Kunsilli Kollha ta' Malta u Għawdex. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li l-aħjar issir bye law sabiex il-Kunsill ikun kopert bħal ma għamlu Kunsilli oħra fosthom Msida u l-Ħamrun. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din il-bye law hekk kif ippreżentata tiġi mibgħutha lid-Dipartiment b'din l-emenda: 3.3, wara l-kelma "domestiku", jiżdied il-kliem "dment li ma jħallix b'mod volontarju ikel f'postijiet aċċessibbli għal ħamiem selvaġġ."

**33.6.2 Ħaddiema Assenjati**

Is-Sindku nforma lill-membri li is-Sur John Borg li huwa ħaddiema tal-RSSL fadallu sal-25 ta' Ġunju minħabba li ser jispiċċa bil-pensjoni. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li waslitlu talba mingħand is-Sur Borg sabiex jibqa' jaħdem p/t mal-Kunsill erba' siegħat kull jum li jammontaw għal għoxrin siegħa fil-ġimgħa. L-ispiża tal-Kunsill tkun tammonta madwar €10k fis-sena. Wara diskussjoni il-membri ma sabux oġġezzjoni iżda ġie deċiż sabiex ninfurmaw lid-Dipatiment tal-Gvern Lokali sabiex ikun hemm l-approvazzjoni tad-Direttur Generali.

**33.6.3 Ċentru ta' Matul il-Jum**

Is-Sindku nforma lill-membri li meta l-Kunsill ħareġ l-espressjoni ta' interess tal-kiri taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum ħadd ma kien sottometta l-interess tiegħu u għaldaqstant il-Kunsill kien għamel estensjoni tal-Kuntratt eżistenti. Apparti minhekk is-Sindku nforma lill-membri li wara xi disgwid li inqala' jidher li l-operat taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum mhux ser iħallu l-ebda Kunsillier li jkun jista' jidħol fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Is-Sindku qal li din mhix ser tkun aċċettabli ġaladarba huwa l-Kunsill stess li qiegħed iħallas il-kiri tal-istess Ċentru.

Wara saret diskussjoni bejn is-Sur Silvio Vella u s-Sur Joe Vella dwar il-każ li nqala' fl-aħħar ġranet. Is-Sindku qal li kien ser jitkellem mad-Dipartiment tal-Anzjani u wieħed ikun jista' jimxi minn hemm.

## 33.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kunitati jew sotto kumitati.

.

## 33.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti ġiet diskussa u approvata. Skeda ta' pagament: Proponent: Silvio Vella u Sekondant: Kursten Dimech

## 33.9 Ilmenti

**33.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 267 sa 340.

| | |
|---|---|
| 267 | Ħaddiema Assenjati |
| 268 | Ma tistax issir |
| 269 | Ma tistax issir |
| 272 | Kollha jrid ikollhom tabella li jistgħu jintużaw - tinħareġ Work Order |
| 276 | Grima & Sons |
| 286 | Grima & Sons |
| 289 | Issir mir-Resident għas-spejjeż tiegħu |
| 290 | Mhux issa |
| 296 | Work Order |
| 304 | Ħaddiema Assenjati |
| 305 | Ma tistax issir |
| 313 | Ġiet diskussa mal-korrispondenza |
| 314 | Contracts Manager |
| 316 | Contracts Manager |

| | |
|---|---|
| 317 | Mica Med |
| 318 | Issir Applikazzjoni ma Transport Malta |
| 320 | Ħaddiema Assenjati - isiru 2 ubars |
| 322 | Contracts Manager |
| 324 | Qedgħin tajbin – diġa ġew verifikati mill-Contracts Manager |
| 325 | Enemalta x'jista' jsir |
| 327 | Niktbu lill-Enemalta |
| 333 | 1. Tintuza mill-BOV<br>2. Issir fuq arblu |
| 334 | Meta tinfetaħ it-triq |
| 335 | Issir Ubar biss |
| 336 | Ħaddiema Assenjati |
| 337 | Contracts Manager |
| 340 | Infurzar |

## Ilmenti Laqgħat preċedenti

| | |
|---|---|
| 210 | Tinbidel |
| 231 | Ma tistax issir għax tiġi quddiem bibien tar-Residenti |
| 250 | Din irrid jitqabbad Perit |
| 251 | Għadu ma ġiex konvertit salon |

## 33.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fl-9.25 pm u ġiet aġġornata għal-31 ta' Mejju 2021, fis-6.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum 31 ta' Mejju, 2021